# Il-Ħuttafa

Numru 145

Marzu - April 2018



Ħuttafa

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf




Victor Falzon

Il-**ħarira ħamra** hija fjura komuni tar-rebbiegħa. Tinsab ukoll fil-forma bil-fjuri koħol, u f'dak il-każ tissejjaħ...

## mill-editur

Naħseb ħadd ma jara ritratt ta' fjura u jgħid *Jaqq!* jew *Xi kruha!* Kulħadd jaqbel li l-fjuri huma xempju ta' ġmiel.

Huwa veru li l-pjanti jagħmlu l-fjuri biex jimpressjonaw, imma fil-fatt mhux lilna l-bnedmin ikunu qed jippruvaw jogħġbu. Il-fjuri huma riklam li l-pjanta tagħmel biex tiġbed l-insetti.

Ħafna insetti jaraw bil-kulur daqsna u iktar minna. Meta insett jara għalqa mimlija fjuri ikun qisu aħna fi triq kollha ħwienet b'tabelli u vetrini jixegħlu, ilkoll jippruvaw iħajruna nidħlu għandhom u nixtru. Imma għaliex il-pjanti jridu l-insetti jżuruhom?

"Biex jixorbulhom in-nektar," qaltli fil-pront studenta dan l-aħħar.

Prosit, imma l-pjanta għalfejn tieħu l-battikata tagħmel *free drinks* għall-insetti? In-naħal jieħu n-nektar, il-pjanta tieħu xi ħaġa?

Tieħu ħafna! Biex pjanta tagħmel iż-żerriegħa għandha bżonn tiddobba ftit polin minn fjuri ta' pjanta oħra. Il-polin huwa dak it-trab fin isfar li jkollhom il-fjuri. Imma sintendi l-pjanta għandha problema għax ma tistax taqbad tmur tieħu l-polin minn pjanta oħra, għax imwaħħla fl-art! U hawn jidħol l-insett.

Ħafna insetti huma sufin u meta jżuru perezempju peprina, spiss jeħel il-polin ma' żaqqhom jew saqajhom. Meta mbagħad iżuru peprina oħra, xi polin mill-ewwel peprina jeħel mat-tieni peprina. *Dan* hu li riedet il-pjanta, u għal din ir-raġuni l-pjanti vvintaw il-fjuri. Din hija dik li tissejjaħ id-dakra (bl-Ingliż *pollination*).

Kos kieku ma kinux jeżistu insetti probabbli lanqas fjuri ma kien ikollna fid-dinja!



Victor Falzon




Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' **Aron Tanti**

Il-**ħuttafa** (barn swallow *Hirundo rustica*) hija l-għasfur li ta ismu lil dan il-magażin. Eluf ta' ħuttaf iżuruna fir-rebbiegħa u fil-ħarifa waqt li jkunu qed ipassu bejn l-Ewropa u l-Afrika. F'dawn l-aħħar snin xi pari bdew ibejtu u jrabbu l-familja f'pajjiżna, speċjalment f'Għawdex. Il-ħuttafa hija maħluqa għall-ajru u ttir b'ħila kbira. Jisimha ħuttafa għax taħtaf nemus u dubbien mill-ajru waqt li ttir. Bħall-biċċa l-kbira tal-għasafar hija mħarsa bil-liġi.



Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

## X'għandna f'dil-ħarġa?


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **Għajnejn ta' Seqer** | **4** |
| **Bħalissa bil-fjuri** | **6** |
| **Storbjuż** | **6** |
| **Agħtiha l-kulur** | **7** |
| **Attività** | **7** |
| **Il-Fjamingu** | **8-9** |
| **Il-*crayfish*** | **10** |
| **Il-kaċċa** | **11** |
| **Tellieqa għat-Tajr** | **12-13** |
| **L-Għasfur tal-Bejt** | **14-15** |
| **Kolina u Żeppinu** | **16** |


## Kitbu f'dil-ħarġa

Sean Bonello, Desirée Falzon, Victor Falzon, Nicholas Galea, Maria Farrugia

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, April 2018
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Fetaħ staġun għall-kaċċa tas-summien (suppost!)

Kontra kull raġuni xjentifika reġa' fetaħ staġun għall-kaċċa fir-rebbiegħa: 21 nofstanhar li fihom il-kaċċaturi ngħataw permess joqtlu speċi waħda biss: is-**summiena**.

L-istramba kienet li d-dati ta' dan l-istaġun (1 sa 21 April) kienu fiż-żmien mhux meta jpassi l-iktar summien imma meta jpassi l-iktar **gamiem**. Il-gamiema fir-rebbiegħa hija protetta.

Matul l-istaġun membri tal-BirdLife u tal-pubbliku raw diversi għasafar protetti b'sinjali ta' sparar fuqhom, fosthom bgħadan ħomor, bgħadan bojod, spanjuletti u gamiem, u fi ġranet meta passa ħafna gamiem instema' ħafna sparar! F'dawn l-aħħar ġimgħat il-BirdLife daħlulha xi bgħadan ħomor feruti b'tiri tas-senter, u qiegħda tikkurahom. Jekk ifiqu jerġgħu jintelqu.



## Imxejna

Nhar il-Ħadd 11 Marzu 2018 kellna l-**Mixja għan-Natura** mir-Rabat sax-Xemxija. Ħarġet ġurnata sabiħa u konna **xi 100 ruħ.** Kollox mar b'wiċċ il-ġid u għalkemm fl-aħħar għajjejna xorta ħadna gost. Mill-isponsors ġbarna iktar minn **€700** li bihom il-BirdLife ħa tixtri kameras biex nosservaw l-għasafar *live* fil-bejta. **Grazzi lil kull min għen u ħa sehem.**



# Natura u avventura fis-Simar

Nhar is-Sibt 31 Marzu (lejlet l-Għid) 2018 fir-riserva naturali tas-Simar il-BirdLife kellna l-**Easter Egg-citement**, avveniment għall-familja li issa sar isir kull sena. Għalih attendew iktar minn 100 tifel u tifla flimkien mal-familji tagħhom u għaddew ftit sigħat jagħmlu kraft, ifittxu bajd tal-Għid moħbi, josservaw il-*bird ringing*, jagħmlu berdwoċing mill-ħajds jew sempliċiment imorru passiġġata ħelwa madwar ir-riserva.


Tiġieġa tal-baħar

Aron Tanti








Victor Falzon



Ritratti tal-attivitajiet BirdLife Malta


Lellux

Desirée Falzon








is-Semmiegħa

Desirée Falzon

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: li jekk jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Għajnejn ta' Seqer



Victor Falzon

"Il-aħwa x'għajnejn ta' seqer għandek!" skantat omm Sky b'binha. Kienet tilfet misluta rqiqa u sejħet lit-tfal biex jgħinuha ssibha. Sky mill-ewwel lemaħha f'xaqq bejn maduma u oħra.

Kien il-Ħadd filgħodu, u Sky u oħtu t-tewmija Maris kienu ħerġin ma' sħabhom Sylvia u Peter, tewmin ukoll. Kienu sejrin il-Buskett, tefgħa ta' ġebla mir-raħal tagħhom. Ma damux ma ħarġu minn Ħal Bużbież, kien April u l-kampanja kienet qed twarrad wara xitwa xita u kesħa.

"Ara s-sema kemm hi roża," qalet Maris.

"Għax riħ isfel, mimli ramel fin mid-deżert," wieġeb Peter, li kien iħobb jagħti daqqa t'għajn lir-rapport tat-temp filgħodu. L-arja kienet sħuna u l-erba' tewmin kienu diġà bl-imqaċċat. Ħin minnhom Sylvia staqsiet lill-oħrajn ridux jgħaqqdu jdejhom ħalli jisimgħu kienx hemm xi ħaġa interessanti qed tiġri madwarhom li ma ntebħux biha bis-sensi normali. Kulħadd qabel, u...

*"Wiiiiiiii! Ara kemm tlajt fl-għoli bla qadfa waħda!"*

*"Iss, jien ili sagħtejn nissaqqar bla ma nċaqlaq ġewnaħ!"*

*"Għall-erwieħ dar-riħ perfett, kont għajjejt fuq il-baħar! Wiiiiiii!"*

L-erbat itfal ħarsu 'l fuq lejn mnejn semgħu l-ilħna strambi u Sky fil-pront ipponta lejn is-sema.

"Hemmhekk, ħarsu... Il-aħwa, ara kemm hemm!"

"Dawk x'inhuma?" staqsa Peter, ipeċpeċ għajnejh lejn xi erbgħin tikka fis-sema.

"Dak tajr tal-priża," qalet Sylvia kif lemħithom. Sylvia kienet membru fi Klabb Ħuttaf u kienet qrat fil-magażin *Il-Ħuttafa* li fir-rebbiegħa l-għasafar ipassu mill-Afrika għall-Ewropa. Peress li dejjem kienet iġġorr kamera magħha, bdiet tieħu r-ritratti ħalli turihom lil sħabha tal-klassi.




Victor Falzon

"Tgħid għaliex qed jiftaħru bejniethom b'kemm ilhom itiru bla ma jaqdfu?" staqsiet Maris.

Sylvia spjegat li l-arja sħuna titla' 'l fuq u għasafar bi ġwienaħ kbar bħat-tajr tal-priża 'jirkbu' dawn il-kurrenti u kapaċi jivvjaġġaw fit-tul bla ma jħaddmu ġwinħajhom.

"Ajma ħej, dalgħodu rajt lil Frans ta' ħdejna ħiereġ bis-senter," qal Sky inkwetat. "Dak żgur induna b'dar-riħ u xamm li se tkun ġurnata tajba għat-tajr tal-priża." Frans kien wieħed minn dawk li ma jagħrfu ebda liġi u x'ħin ħadd ma jkun qed iħares, jispara fuq kull miskina tajra li tiġih fil-mira.

"Ħaffu, ejjew!" għajjat Peter u beda jlebbet lura lejn id-dar, bl-oħrajn bla nifs warajh. X'ħin waslu, Peter mar b'ġirja fuq missieru u talbu jagħmel nota malajr fuq Facebook mal-ħbieb tiegħu. Fil-*post* kiteb li kienet ġurnata sabiħa u l-Buskett kien mimli tajr tal-priża. Tella' l-aħjar ritratt li ħadet Sylvia u ħajjar lil sħabu joħorġu jgawdu dan l-ispettaklu tan-natura. Wara ftit bdew deħlin il-*likes*.

It-tewmin reġgħu niżlu l-Buskett, imsarinhom f'saqajhom li se jisimgħu l-isparar. Imma minflok raw, waħda wara l-oħra, familji ħbieb ta' missier Peter u Sylvia jaslu bl-karozza għall-ħarġa tal-Ħadd. Bis-saħħa tat-tewmin dawn kienu ddeċidew li jmorru jgawdu t-tajr tal-priża fil-Buskett.

"B'dawn in-nies kollha jħarsu lejn is-sema, żgur li Frans ma jissugrax jikser il-liġi llum!" daħqu t-tewmin, kuntenti li bl-għassa li kienu ġabru, kienu salvaw ħafna għasafar mill-qilla ta' Frans.



# Reġa' ħareġ!




**Prezz €5**

- Jekk tixtieq issir berdwoċer dal-ktieb għalik.
- Ktieb b'tagħrif u stampi dwar 104 speċi ta' għasafar li jżuru jew jgħixu f'Malta.
- Pittura oriġinali ta' kull speċi, b'għajnuniet biex tagħrafhom.
- Edizzjoni ġdida b'iktar paġni u iktar speċi, b'tagħrif aġġornat u bi tpinġijiet riveduti u rfinuti.
- L-ewwel edizzjoni kienet rebħet il-premju nazzjonali tal-Ktieb tat-Tfal bl-Aħjar Illustrazzjonijiet.
- Għall-bejgħ mir-riservi tal-Għadira, Is-Simar, Is-Salina u miċ-Ċentru tal-BirdLife f'Ta' Xbiex.





BOV CARDS

be part of the Valletta 2018 celebrations

with the BOV Mastercard Prepaid Cards

Join the celebrations and get your commemorative Valletta 2018 Mastercard Prepaid Cards today.

*Terms and conditions apply.*

*Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).*

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

PREMIUM PARTNER

EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE VALLETTA 2018

BOV Bank of Valletta

# Bil-fjuri bħalissa













Ir-rebbiegħa l-istaġun tal-fjuri, hawnhekk tmienja minnhom.Oħorġu gawduhom u araw kemm issibu minn dawn.

## Storbjuż...

Ritratti ħelwin li ħa seħibna Aron Tanti ta' **gawwija prima** storbjuża fir-riserva naturali tas-Salina. Niċċajtaw ftit!





















# Agħtiha l-kulur!






Victor Falzon

## Daqquqa tat-toppu

Fir-rebbiegħa naraw ħafna għasafar, u dan bla dubju huwa wieħed mill-isbaħ.




# Attività



## Valletta Green Festival

Il-BirdLife ħa jkollha stand bit-tema fuq ħabitati. Ħa jkun hemm materjal edukattiv, logħob u attivitajiet oħra għat-tfal u l-familja. Aqbżu qabża!

Data
**3 sa 6 Mejju 2018**
Post
**Pjazza San Ġorġ, il-Belt**
Dħul
**Bla ħlas**




Raymond Vella

## Riserva Naturali Closing Days

Ir-riservi naturali tas-Simar u l-Għadira jagħlqu għas-sajf. Dis-sena qabel jagħlqu ħa nagħmlu ftuħ ftit speċjali, b'attivitajiet, logħob u mixjiet bi gwida. Ejjew!

Data
**IL-Ħadd 3 Ġunju 2018**
Post
**L-Għadira**
Dħul
**Bla ħlas**

Aktar tagħrif fil-websajt tal-BirdLife u fuq Facebook.

**www.birdlifemalta.org**



# Fjamingu

## Greater Flamingo *Phoenicopterus roseus*



Ritratt ta' **Aron Tanti**



BirdLife
MALTA

# Have you ever spotted one in Malta?

MALTA NATIONAL AQUARIUM



Does it resemble a lobster?

**ID CARD**
**Common name:**
Red swamp crayfish, Louisiana crayfish
**Scientific name:**
Procambarus clarkii
**Country of origin:**
Northern Mexico
**Where you can find it?**
Asia, Africa, Europe and elsewhere in America

## If your answer is yes, you're right! They are related, indeed!

This animal is a crayfish, a freshwater lobster.
Lobsters are invertebrates (they don't have a backbone) with a hard and protective exoskeleton. They have 5 pairs of legs, which three of them have claws. The red crayfish is most commonly found in warm fresh water, such as rivers, marshes, reservoirs and rice paddies. It is native of Mexico but it has been spotted also in Malta; some scientist confirmed its presence at Wied il-Qlejgha. Unfortunately, the presence of this invasive species is not a good sign, as this animal compete with the species found on the island and could spread some diseases. With its borrowing activity it is able to destroy the environment in which it lives.





## Why did it arrive in Malta?

Because of the overflowing of underground reservoirs or because of the intentional release in the wild by irresponsible individuals




## HOW TO RECOGNISE IT?



It is typically dark red, with long claws and head. It has rows of bright red bumps on the front and side of the first leg.
Sometimes small spines can be spotted on the sides of the "shell".



Ħafna Maltin jafu x'inhi kaċċa. Din tinvolvi nies li jfittxu jew jonsbu għal annimali biex joqtluhom. Meta l-bniedem beda jikkaċċja xi żewġ miljun sena ilu dan kien jagħmlu biss għall-ikel, bħalma jagħmlu predaturi oħra. Illum għadha ssir ħafna kaċċa għall-ikel (pereżempju s-sajd) imma ħafna kaċċa ssir ukoll għal raġunijiet oħra.

# il-kaċċa

Sean Bonello

## Kollezzjoni, tiżjin u ftaħir

Ħafna kaċċa ssir għall-kollezzjonijiet u trofej, fejn l-annimal jinqatel biex jinżamm ġismu (jew partijiet minnu) bbalzmat għal skop ta' tiżjin f'postijiet prominenti bħala turija tas-suċċess jew irġulija tal-kaċċatur.

Din hija t-tip ta' kaċċa dominanti f'Malta, fejn ħafna speċi ta' għasafar protetti jinqatlu biex jiġu bbalzmati u mqegħdin ġo vetrini fid-dar. F'pajjiżi oħrajn jesponu l-irjus ibbalzmati ta' ljuni, orsijiet, ċriev, eċċ. mal-ħitan biex il-kaċċatur jiddandan bil-ġmiel, bid-daqs jew bil-feroċja tal-annimal li jkun qatel.

## Negozju, traffikar u flus

Xi annimali jiġu kkaċċjati għal xi partijiet minn ġisimhom li jkunu meqjusa li jiswew ħafna flus. L-iljunfanti joqtluhom għan-nejbiet twal tal-avorju li jinbiegħ biex isir statwetti! Ħafna speċi ta' qtates kbar (tigra, leoparda, ġagwar, *ocelot*, eċċ.) jinqatlu għall-fer tagħhom biex isiru kowtijiet għas-sinjuruni. Ir-rinoċeronti jikkaċċjawhom għall-qrun għax jaħsbu li għandhom valur mediċinali. Ma' dawn nistgħu nżidu t-tigra (għall-għadam) u l-pangolin (għall-iskwami).

## Kontroll ta' pests

Hemm ukoll kaċċa għal annimali meqjusin pests, jew għax jikkompetu ma' speċi indiġeni, jew għax iqisuhom theddida għal annimali domestiċi. Xi nies jargumentaw li dan hu metodu kif tikkontrolla l-annimali milli jkomplu jitkattru u jaffettwaw l-ambjent naturali. Xi eżempji jinkludu l-lupu, il-kangarù, il-kojote u l-volpi.

## Xi ħsara tagħmel?

Xi nies jirraġunaw li perċentwal żgħir ta' annimali jiġu kkaċċjati madwar id-dinja, u għalhekk l-effett tal-kaċċa hu minimu. Dan ir-raġunar huwa żbaljat għax il-kaċċa fil-fatt wasslet ħafna speċi f'xifer l-estinzjoni. Pereżempju fir-Renju Unit il-gamiema (għasfur li f'Malta jikkaċċjawh bla kontroll fil-ħarifa) naqset b'96%. Din l-ispeċi issa meqjusa vulnerabbli.

Il-kaċċa qed thedded ukoll lill-iljunfant Afrikan. Fi tliet snin inqatlu mal-100,000 iljunfant, u f'sena waħda biss (2011) inqatlu 8% tal-iljunfant Afrikani li baqa' fid-dinja! B'din ir-rata ta' qtil fi żmien 10 snin l-iljunfant Afrikan ħa jkun spiċċa.

Eżempji xejn sbieħ bħal dawn hemm ħafna.

## Fejn teżisti l-problema?

F'Malta problema kbira hija l-kaċċa fuq għasafar vulnerabbli u protetti. BirdLife Malta tagħmel sforz kontinwu biex jitħarsu u jiġu nfurzati l-liġijiet ħalli niżguraw il-futur ta' ħafna speċi li jpassu minn Malta.

Fix-xena globali l-kaċċa fuq annimali mhedda jew f'xifer l-estinzjoni teżisti f'kull kontinent. Fl-Amerika ta' Fuq issir ħafna kaċċa fuq l-orsijiet u fl-Amerka t'isfel jikkaċċjaw ħafna vikunja. Fl-Afrika ħafna kaċċa hija ffukata fuq iż-żebri, l-iljunfanti, l-iljuni, ir-rinoċeronti u l-gorilla. Fl-Awstralja hemm problema ta' kaċċa għall-Queensland turtle u d-dugong, u fl-Asja hemm problema kbira tal-kaċċa fuq is-Siberian musk deer u s-sun bear. Dawn ftit eżempji minn lista twila ħafna.






Il-pangolin huwa l-iktar annimal ittraffikat fid-dinja. It-tmien speċi ta' pangolins issa huma protetti minn traffikar.

## X'nistgħu nagħmlu?

- **Nirrappurtaw** każi ta' kaċċa illegali lill-pulizija (tel 119)
- **Nagħfsu** fuq gvernijiet u nies f'awtorità biex jitjiebu l-liġijiet u jiżdied l-infurzar tagħhom.
- **Inqajmu** kuxjenza man-nies, għax l-edukazzjoni hi l-aħjar għodda biex nindirizzaw problemi ambjentali – għalhekk il-BirdLife tinvesti ħafna riżorsi fl-edukazzjoni.
- **Inħajru** iktar nies jidħlu membri fil-BirdLife ħalli l-vuċi tagħna tkun iktar qawwija.



# Tellieqa għat-Tajr

Kitba **Nicholas Galea**
Ritratti **Ray Galea**

## Champions of the Flyway

Kull sena l-SPNI (il-BirdLife fl-Iżrael) u BirdLife International jorganizzaw kompetizzjoni għall-berdwoċers jisimha *Champions of the Flyway*. L-għan prinċipali hu li titqajjem kuxjenza fuq il-qtil illegali tal-għasafar tal-passa fil-Mediterran. Għalhekk it-timijiet li jieħdu sehem jiġbru xi flus biex dawn jintużaw għall-ħarsien tal-għasafar f'wieħed mill-pajjiżi tar-reġjun.

Fiha nnifisha l-kompetizzjoni hija sempliċi: kull tim għandu 24 siegħa biex fihom jara kemm kapaċi josserva jew jisma' speċi ta' għasafar f'żona speċifika. Min jara l-aktar għasafar jirbaħ.




Victor Falzon

## L-isqra Maltin!

Din is-sena erbgħa minn sħabi u jien għaqqadna tim, semmejnieh *The Maltese Falcons* u rħejnielha lejn l-Iżrael biex nieħdu sehem!

## Mill-bwar sal-muntanji

Il-ġurnata tal-kompetizzjoni kienet is-26 ta' Marzu però kemm qabel kif ukoll wara żorna diversi postijiet fl-Iżrael biex niskopru n-natura fantastika ta' dan il-pajjiż li fih qattajna 16-il ġurnata. Rajna ħafna natura, fosthom għasafar li lanqas noħolmu li naraw f'Malta. Biex rajniehom ivvjaġġajna minn ħafna ħabitati, minn bwar mal-Mediterran għad-Deżert Negev, mill-Baħar l-Aħmar għall-Baħar tal-Galilija. Tlajna wkoll fil-muntanji tat-tramuntana.



Black Bush Robin



Volpi tad-deżert




Folla kbira ta' ċikonji bojod waqt il-passa



Kokka
Little Owl

B'kollox rajna mal-240 speċi ta' għasafar, fosthom **pellikani**, **ajkli**, **avultuni**, **tajr tax-xatt**, **kokk**, **daqquq ikħal**, **kud**, **għasafar tal-għana**, **buful**, eċċ. Il-gajd tal-għasafar qattajnieh inqallbu fih! Jien rajt 22 speċi ġodda, u l-aktar li ħadt pjaċir nara kien il-**black bush robin** – impressjonanti x'denb għandu! Rajna wkoll diversi mammiferi, fosthom **ħmir slavaġ tad-deżert** (*Asian wild ass*), **għażżiel** (*gazelle*), **mogħoż selvaġġ** (*ibex*) u **volpijiet tad-deżert**.

## Dorna u drajna

L-area tal-kompetizzjoni kienet trijanglu art fin-nofsinhar tal-Iżrael (ara l-mappa) bejn l-Eġittu, il-Baħar l-Aħmar u l-Ġordan. Din iż-żona, fejn jiltaqgħu l-Afrika, l-Ewropa u l-Asja, hija magħrufa mal-berdwoċers bħala hotspot għax minnha jpassu miljuni ta' għasafar. Hemm ukoll ħafna speċi oħra residenti li f'daż-żmien ikunu diġà bil-bejta ħalli jevitaw il-qilla tas-sajf.

Ħafna mill-ġranet ta' qabel il-kompetizzjoni qattajniehom f'din iż-żona u sirna familjari mal-postijiet u l-għasafar tal-post. Lejlet il-konkors fassalna r-rotta.

## Mat-tokk ta' nofsillejl!

Mat-tokki ta' nofsillejl qomna minn raqda ħafifa u rħejnielha lejn il-punt tat-tluq f'Eilat, fejn ħadna r-ritratt uffiċjali. Imbagħad armati bil-flokkijiet u l-bnadar tal-kompetizzjoni soqna 300km lejn it-tramuntana fejn f'biċċa deżert partikolari rajna l-**għubara tal-Lvant** (*MacQueen's bustard*), għasfur b'kamuflaxx qawwi li diffiċli tarah jekk mhux kmieni filgħodu x'ħin l-irġiel ikunu qed jiġru bir-rix ta' għonqhom minfuħ biex jimpressjonaw lin-nisa!

Aħna u nsuqu waqafna f'xi żoni bis-siġar fejn smajna xi **kokk** u rajna għasafar oħra tad-deżert, bħan-**nankina** (*cream-coloured courser*). Fil-widien nixfin bis-siġar u l-arbuxxelli (*wadis*) rajna diversi għasafar żgħar li jkunu qed ipassu, fosthom **kaċċamendul**, **kud** u **buful**. Għall-ħabta tad-9am żorna għadajjar partikolari fejn jiġu jixorbu l-**gangi** (*sandgrouse*) darba kuljum u fl-istess ħin! Rajna tliet speċi ġejjin mill-qalba tad-deżert. Il-lista bdiet titwal ġmielha.

## Bla waqfien...

Il-ġurnata kompliet hekk, niġru bla waqfien minn post għal ieħor, niġġieldu l-għeja u n-ngħas, inżidu speċi wara speċi. B'kollox dakinhar soqna xi 600km u tellajna total ta' 160 speċi. L-aħħar żewġ għasafar li rajna kienu l-**buqrajq abjad** (*Egyptian nightjar*) u l-***pharaoh eagle owl***.

Il-ġurnata spiċċat fil-post fejn bdejna, fejn daħħalna l-lista.

## Mitt elf dollaru!

L-għada saret iċ-ċerimonja tal-premjijiet. L-ewwel tħabbret is-somma flus li t-timijet kien irnexxielhom jiġbru: madwar $100,000 (waww!). Din is-sena l-flus se jmorru għand il-BirdLife Partners fil-Kroazja u s-Serbja u ser jintużaw biex jiġġieldu kontra l-kaċċa illegali li ssir f'dawn il-pajjiżi.

## Kuntenti ferm!

It-tim rebbieħ kien magħmul minn Ingliż, Żimbabwean u żewġ Sud Afrikani, li tellgħu total ta' 186 speċi, ċifra tal-ġenn! Aħna l-*Maltese Falcons* ġejna t-tmien post minn total ta' 32 tim. Konna kuntenti ferm b'dan ir-riżultat, l-iktar għax mit-timijet tal-barranin ġejna t-tielet post.



Ray Galea · Nick Galea · Mark Sultana · Daniel Bonnici · Adin Vella

# l-Għasfur tal-Bejt

Victor Falzon

**Narawh kullimkien imma ftit nagħtu kasu.**




**Isem xjentifiku** *Passer hispaniolensis*
**Isem bl-Ingliż** Spanish Sparrow
**Daqs** 14-16ċm **Piż** 22-33g
**Ikel** żrieragħ, frott, insetti, dud
**Ħabitat** bliet, irħula u kampanja
**Status** komuni ħafna, residenti s-sena kollha

L-għasafar tal-bejt spiss ibejtu fil-ventilaturi tad-djar. Imma jbejtu wkoll fis-siġar, fil-ħitan tas-sejjieħ, fi xquq fis-swar, f'irkejjen fuq arbli tad-dawl, u anke fl-għerien. Il-mara tbid xi 4 jew 5 bajdiet, li jfaqqsu wara xi 14-il jum.


Joe Sultana


Daqs proprju ta' bajda ta' għasfur tal-bejt.


Denis Cachia

Fi ftit ġimgħat il-frieħ itellgħu biżżejjed rix biex joħorġu mill-bejta u wara ftit jitgħallmu jtiru. Madankollu l-ġenituri xorta jibqgħu jitimgħuhom għal ftit granet oħra sakemm jitgħallmu jsibu ikel weħidhom. Fir-ritratt tidher omm iżżoqq liż-żewġ uliedha.





Mike Downham


Denis Cachia

Il-frieħ jixbhu ħafna lil ommhom fil-kulur imma tista' tagħrafhom minn xi differenzi. Pereżempju l-frieħ ikollhom denbhom ħafna iqsar, u mal-ġenb ta' munqarhom ikollhom ġilda safra.

Fix-xitwa, meta ma jkunx żmien il-bejta, l-għasafar tal-bejt spiss jinġabru fi gruppi biex jorqdu f'postijiet kennija b'siġar kbar. Fir-ritratt jidher l-istazzjon tal-ferrovija l-qadim f'Birkirkara, fejn kull filgħaxija jinġabru eluf ta' għasafar tal-bejt.


Desirée Falzon



Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u ħwienet tal-kotba.





# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żring

Żeppinu huwa żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina hija kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.





**Kolina.** Il-aħwa llum x'lejla sabiħa biex indur dawra fuq ix-xagħri u ngawdi ftit dan il-ġmiel għad-dawl tal-qamar. Dik mhux l-għadira taż-żrinġijiet? Dawk x'inhuma jagħmlu hemm kollha mqajmin? Għandhom xi festin jaqaw?
**Żeppinu.** Nanna, Nanna! Isma' waħda!
**Kolina.** Haw', Żeppinu, jaqaw għandkom xi festa kbira? Hemm xi tazza luminata u biċċa pizza għalija?
**Żeppinu.** Le Nanna, x'festa festa! Inkwiet kbir! Traġedja! Kulħadd ma jiflaħx. Kull min jidħol fl-għadira joħroġ marid. Jien qed nibża' ninżel.
**Kolina.** Mela x'ġara?!
**Żeppinu.** Ma nafux! Forsi tista' tgħinna Nanna?
**Kolina.** Ikkalma Żeppinu għax ħa taqsamli qalbi narak daqshekk inkwetat. Jien biex naħseb f'soluzzjoni għal problema bħal din ikolli bżonn naqra ħin waħdi. Ħa mmur dawra żgħira ħa naħseb ftit fil-kwiet, nerġa' narak dalwaqt.

U hekk għamlet Kolina. Imħassba u mdejqa marret dawra fuq ix-xagħri u ma damitx ma sabet x'kienet il-kawża tal-problema taż-żrinġijiet. Ftit bogħod mill-għadira lemħet batterija ta' karozza.

**Kolina.** Misteru solvut! Praspura oħra tal-bnedmin. Xi ħadd irresponsabbli minflok ma rema din il-batterija ma' skart perikoluż ieħor bħal mediċini skaduti, żjut u bozoz użati f'Ċentru għall-Iskart Goff, ġie remieha hawnhekk. Mhux ta' b'xejn Żeppinu u sħabu kollha ma jifilħux. Min jaf x'kimika ħierġa minn din il-batterija li qed tniġġes l-ambjent. Issa naraw kif ser titneħħa minn hawn imma sadanittant ħa ndur lura u navża liż-żrinġijiet. Żeppinu! Żeppinu!
**Żeppinu.** Hawn Nanna, solvejthulna l-misteru? X'ser jiġri minna? X'ser nagħmlu?
**Kolina.** Iva Żeppinu, l-għadira mniġġsa minn kimika ta' batterija li xi ħadd rema fil-viċin. Ippakkjaw kollox u ser neħodkom f'għadira oħra ftit 'il bogħod. Għalissa żgur ma tistgħux tibqgħu hawn. Imxu warajja.
**Żeppinu.** Grazzi Nanna! Imnalla kont inti llejla. Nispera li lkoll jgħaddilna ma jdumx u nispera li l-għadira l-ġdida tkun dar komda daqs l-oħra.
**Kolina.** Nispera Żeppinu, u nispera li ħadd iktar ma jerġa' jarmi skart perikoluż fl-ambjent.
**Żeppinu.** Hekk hu Nanna. Illum mhux bħad-drabi l-oħra – l-avventura tagħna xejn ma kienet sabiħa.



Tgħid l-avventura tad-darba li jmiss tkun aktar pjaċevoli għal Żeppinu u Kolina?

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE